



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

18 ta' Ġunju 2020\*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Intestatura tariffarja 7407 – Vireg u profili tar-ram – Ingotti tar-ram jew tal-liga tar-ram, ta' għamla rettangolari, li ġew irrumblati bis-sħana”

Fil-Kawża C-340/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Augstākā tiesa (il-Qorti Suprema, il-Latvja), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' April 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' April 2019, fil-proċedura

**Valsts ieņēmumu dienests,**

vs

**SIA “Hydro Energo”,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn M. Safjan, President tal-Awla, L. Bay Larsen u N. Jääskinen (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għall-Gvern Latvjan, minn V. Soņeca u V. Kalniņa, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn E. Kalniņš, A. Caeiros, L. Ozola u M. Salyková, sussegwentement minn E. Kalniņš, L. Ozola u M. Salyková, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

## Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-intestatura tariffarja 7407 tan-Nomenklatura Magħquda (iktar 'il quddiem in-“NM”) li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), fil-verżjoni tagħha kif tirriżulta bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011 tas-27 ta' Settembru 2011 (ĠU 2011, L 282, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2011, L 290, p. 6, ĠU 2012, L 52, p. 32 u ĠU 2012, L 226, p. 8).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-Valsts ieņēmumu dienests (l-Awtorità tat-Taxxa, il-Latvja) (iktar 'il quddiem il-“VID”), minn naħa, u SIA “Hydro Energo”, min-naħa l-oħra, dwar il-klassifikazzjoni tariffarja tal-ingotti tar-ram jew tal-liga tar-ram li ġew irrumblati bis-sħana.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Is-SA u n-Noti ta' Spjega tas-SA*

- 3 Il-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (ODD), ġie stabbilit mill-konvenzjoni li twaqqaf kunsill għall-kooperazzjoni doganali, konklużi fi Brussell fil-15 ta' Diċembru 1950. Is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni ta' Merkanzija (iktar 'il quddiem is-“SA”) tfasslet mill-ODD u ġiet stabbilita mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni ta' Merkanzija (iktar 'il quddiem il-“Konvenzjoni dwar is-SA”), konklużi fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983 u approvata, flimkien mal-Protokoll ta' Emenda tal-24 ta' Ġunju 1986, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 288).
- 4 Skont l-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni dwar is-SA, kull parti kontraenti għandha tiżgura, b'mod partikolari, li n-nomenklaturi tariffarji u tal-istatistika tagħha jkunu konformi mas-SA, li tuża l-intestaturi u s-subintestaturi kollha tagħha, mingħajr żidiet u mingħajr bidliet, kif ukoll il-kodiċi relatati magħhom u li ssegwi s-sekwenza numerika tal-imsemmija sistema. L-istess dispożizzjoni timponi fuq il-partijiet kontraenti l-obbligu li japplikaw ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tas-SA kif ukoll in-noti kollha tat-taqsimiet, tal-kapitoli u tas-subintestaturi tas-SA u li ma jbidlux il-portata tagħhom.
- 5 L-ODD għandha tapprova, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar is-SA, in-noti ta' spjega u l-opinjoni ta' klassifikazzjoni adottati mill-Kumitat tas-SA.
- 6 In-nota ta' spjega tas-SA dwar il-Kapitolu 74 ta' din is-sistema, intitolata “Ram u oġġetti tiegħu”, tipprevedi:

“1. F'dan il-kapitlu, dawn l-espressjonijiet għandhom it-tifsiriet mogħtijin lilhom hawnhekk:

[...]

d) Biċċiet (*bars*) u vireg

Prodotti rrumblati, maħruġin, miġbudin jew mikwijin fil-forġa, mhux f'koljaturi, li għandhom wiċċ ta' qatgħa solidu uniformi matulhom kollha f'għamla ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari (inklużi “ċrieki ċċatjati” u “rettangoli modifikati”, li minnhom żewġ għub opposti huma arki konvessi, iż-żewġt iġnub l-oħra dritti,

l-istess tul u paralleli). Prodotti b'wiċċ ta' qatgħa rettangolari (inkluż kwadru), triangolari jew poligonalni jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati matulhom kollu. Il-ħxuna ta' dawn il-prodotti li għandhom wiċċ ta' qatgħa rettangolari (inkluż "rettangolari modifikat") taqbeż wieħed-minn-għaxra tal-wisgħa. L-espressjoni tkopri ukoll prodotti ikkastjati jew mgħaqqdin bis-sħana, ta' l-istess forom u qisien, li nħadmu aktar wara l-produzzjoni (ħlief b'sempliċiment tirqim jew tneħħija tal-ġebla), sakemm b'hekk huma ma assumewx il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn.

Biċċiet ta' wajer sħaħ u billetti bit-trufijiet tagħhom ġejjin għal punta jew maħdumin mod ieħor sempliċiment biex iħaffu d-dħul tagħhom fil-magni biex jikkonvertuhom, per eżempju fi drawing stock (virga tal-wajer) jew f'tubi għandhom iżda jittieħdu bħala ram mhux maħdum ta' titlu 7403.

[...]

Dan il-kapitolu jinkludi:

Il-mattes u prodotti intermedji oħrajn ta' metallurġija tar-ram, il-forom mhux maħduma tar-ram li fihom jinkiseb il-metall u l-iskart u l-fdal (Nri 7401 sa 7405).

Trabijiet u qxur ta' ram (Nru 7406).

Il-prodotti semi-manifatturati, ġeneralment miksuba permezz ta' rrumblar, ġbid jew forġa tar-ram tan-Nru 7403 (Nri 7407 sa 7410).

[...]"

7 In-nota ta' spjega tas-SA dwar l-intestatura 7403 tipprovdi b'mod partikolari:

"Jaqgħu wkoll taħt din l-intestatura l-biċċiet u vireg, ingotti, eċċ. maqtuġhin, immudellati jew magħqudin bis-sħana, bil-kundizzjoni li ma jkunux irċevew, wara li jkunu nkisbu, kwalunkwe tip ta' ħidma iktar minn tirqim jew permezz tat-tneħħija tas-saff tas-superfċji (komposta fil-parti l-kbira tagħha minn ossidu tar-ram) jew minn tqaxxir, ikkastjar, eċċ, sabiex jiġu eliminati d-difetti li deħru mas-solidifikazzjoni jew mal-ikkastjar, jew dawk li superfċje minnhom tħaddmet għal finijiet ta' kontroll (tal-kwalità).

Il-prodotti magħqudin bis-sħana jinkisbu minn trab tar-ram jew minn liġi tar-ram jew minn trab tar-ram imħallat ma' trab ta' metalli oħra, permezz ta' pressjoni (kompresjoni) u tagħqid bis-sħana (tisħin b'temperatura xierqa taħt il-punt ta' fużjoni tal-metalli). Fl-istat ta' tagħqid bis-sħana, il-prodotti huma porużi u ta' kwalità mekkanika dgħajfa u ġeneralment jiġu rrumblati, miġbuda, forġati, eċċ, sabiex tintlaħaq id-densità adegwata. Dawn il-prodotti rrumblati, eċċ., huma esklużi (Nri 7407, 7409, pereżempju).

Din l-intestatura tkopri wkoll il-biċċiet ta' wajer sħaħ u billetti bit-trufijiet tagħhom ġejjin għal punta jew maħdumin mod ieħor sempliċiment biex iħaffu d-dħul tagħhom fil-magni biex jikkonvertuhom, per eżempju fi drawing stock (virga tal-wajer) jew f'tubi.

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet iktar 'il fuq dwar l-ipproċessar li huma jistgħu jkunu suġġetti għalih wara l-produzzjoni tagħhom, il-biċċiet u l-vireg inkwistjoni jikkonsistu b'mod partikolari:

1. Jew f'oġġetti msejħa *jets* sħaħ, tondi, kwadrata jew eżagonali, ta' tul li ġeneralment ma jeċċedix metru, maħduma permezz ta' kkastjar bi preċiżjoni f'forom speċjali.
2. Jew f'oġġetti ta' tul ikbar miksuba permezz ta' kkastjar kontinwu; f'dan il-proċess tal-aħħar, il-metall imdewweb jitqiegħed f'forma mkessħa permezz ta' ilma u li fiha dan jissolidifika ruħhu malajr.

Il-*jets* u l-biċċiet u l-vireg prodotti b'ikkastjar kontinwu huma ta' spiss intiżi għall-istess użu bħall-biċċiet u l-vireg irrumbliati jew miġbuda.”

- 8 Fir-rigward tan-nota ta' spjega tas-SA dwar l-intestatura 7407:

“[...]

Il-biċċiet u l-vireg huma ddefiniti fmin-Nota 1(d) ta' dan il-kapitolu u l-profilu permezz tan-Nota 1(e).

Dawn il-prodotti huma normalment prodotti permezz ta' rrumblar, ta' għażil jew ġbid, iżda xi drabi wkoll permezz ta' kiwi fil-forġa (bil-prensa jew bil-martell). Dawn jistgħu jiġu fformati bil-kiesaħ (jekk ikun il-każ, wara li jiġu ttemprati), permezz ta' ġbid bil-kiesaħ jew b'metodi oħra li jagħtuhom finitura aħjar. Huma jistgħu wkoll ikunu ġew suġġetti għal ipproċessar (bħal perforazzjoni, torsjoni, tmewwiġ) sakemm b'hekk huma ma assumewx il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn. Dan it-titlu jinkludi profili b'kontorn magħluq (profili vojta). Huma inklużi wkoll f'din l-intestatura t-tubi u pajpijiet miksuba permezz tal-estrużjoni. Madankollu, t-tubi u pajpijiet li għandhom ċrieki wweldjati, pereżempju, huma esklużi (Nru 7419 ġeneralment).

Il-biċċiet u l-vireg miksuba permezz ta' kkastjar (inklużi l-prodotti msejħa *jets* u l-biċċiet u vireg ipproċessati permezz ta' kkastjar kontinwu) jew permezz ta' tgħaqqud bis-sħana jaqgħu taħt in-Nru 7403 bil-kundizzjoni li ma jkunux irċewew, wara li jkun nkisbu, kwalunkwe tip ta' ħidma iktar minn tirqim jew permezz tat-tneħħija tas-saff tas-superfiċje. Dawk li jkun irċewew kwalunkwe tip ta' ħidma iktar jibqgħu kklassifikati taħt din l-intestatura bil-kundizzjoni li dan l-ipproċessar ma jagħtihomx in-natura ta' oġġetti jew oġġetti li jaqgħu taħt intestaturi oħra.

Il-biċċiet ta' wajer sħaħ u billetti bit-trufijiet tagħhom ġejjin għal punta jew maħdumin mod ieħor sempliċiment biex iħaffu d-dħul tagħhom fil-magni biex jikkonvertuom, per eżempju fi drawing stock (virga tal-wajer) jew f'tubi jaqgħu madankollu taħt l-intestatura Nru 7403”

### ***Id-dritt tal-Unjoni***

- 9 Il-klassifikazzjoni doganali tal-merkanzija importata fl-Unjoni Ewropea hija rregolata min-NM, li hija bbażata fuq is-SA.
- 10 Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 2658/87, il-Kummissjoni Ewropea tadotta kull sena regolament li jirriproduċi l-verżjoni sħiħa tan-NM u tar-rati tad-dazji doganali, kif tirriżulta mill-miżuri adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew mill-Kummissjoni. Dan ir-regolament huwa applikabbli mill-1 ta' Jannar tas-sena sussegwenti.
- 11 Il-verżjoni tan-NM applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, kif jirriżulta mid-dokumenti prodotti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, hija dik tas-sena 2012, li toħroġ mir-Regolament Nru 1006/2011.
- 12 L-ewwel parti tan-NM, li tikkonsisti f'sensiela ta' dispożizzjonijiet preliminari, tinkludi t-Titolu I, li jirrigwarda r-regoli ġenerali, li l-taqsimu A tiegħu, intitolata “Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-[NM]”, tipprovdi:

“Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-[NM] għandha tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin:

1. It-titli tat-taqsimiet, kapitli u subkapitli huma maħsubin għall-ħeffa ta' referenza biss; għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skond it-termini tat-titli u n-noti ta' kwalunkwe taqsimu jew kapitlu relattiv u, sakemm dawn t-titli jew in-noti ma jkunux jeħtieġu mod ieħor, skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

[...]

6. Għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fis-subtitli ta' titlu għandha tkun deċiża skond it-termini ta' dawk is-subtitli u kwalunkwe noti ta' subtitli relatati u, mutatis mutandis skond ir-regoli ta' hawn fuq, skond il-kondizzjoni li subtitli fl-istess livell biss huma komparabbli. Għall-għanijiet ta' din ir-regola t-taqsimha relattiva u n-noti tal-kapitlu japplikaw ukoll, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor.”

13 It-tieni parti tan-NM, intitolata “Skeda ta' Dazji tad-Dwana” tinkludi, b'mod partikolari, it-Taqsimha XV, intitolata “Metalli ta' valur baxx u oġġetti ta' metalli ta' valur baxx”.

14 Din it-taqsimha tinkludi l-Kapitolu 74, intitolat “Ram u oġġetti tiegħu”, li n-nota 1 tiegħu tipprevedi:

“F'dan il-kapitlu, dawn l-espressjonijiet għandhom it-tifsiriet mogħtijin lilhom hawnhekk:

[...]

d) Biċċiet (*bars*) u vireg:

Prodotti rrumblati, maħruġin, miġbudin jew mikwijin fil-forġa, mhux f'koljaturi, li għandhom wiċċ ta' qatgħa solidu uniformi matulhom kollha f'għamla ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari (inklużi “ċrieki ċċatjati” u “rettangoli modifikati”, li minnhom żewġ ġnub opposti huma arki konvessi, iż-żewġt iġnub l-oħra dritti, l-istess tul u paralleli). Prodotti b'wiċċ ta' qatgħa rettangolari (inkluż kwadru), triangolari jew poligonali jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati matulhom kollu. Il-ħxuna ta' dawn il-prodotti li għandhom wiċċ ta' qatgħa rettangolari (inkluż “rettangolari modifikati”) taqbeż wieħed-minn-għaxra tal-wisgħa. L-espressjoni tkopri ukoll prodotti ikkastjati jew mgħaqqdin bis-sħana, ta' l-istess forom u qisien, li nħadmu aktar wara l-produzzjoni (ħlief b'sempliciement tirqim jew tneħħija tal-ġebbla), sakemm b'hekk huma ma assumewx il-karattru ta' oġġetti jew prodotti ta' titli oħrajn.

Biċċiet ta' wajer sħaħ u billetti bit-trufijiet tagħhom ġejjin għal punta jew maħdumin mod ieħor sempliciement biex iħaffu d-dħul tagħhom fil-magni biex jikkonvertuhom, per eżempju, fi drawing stock (virga tal-wajer) jew f'tubi, għandhom iżda jittieħdu bħala ram mhux maħdum ta' titlu 7403.

[...]

h) Tubi u pajpijiet:

Prodotti vojta, f'koljaturi jew le, b'wiċċ ta' qatgħa uniformi b'vojt wieħed biss magħluq ma' tulhom kollu f'għamla ta' ċrieki, ovali, rettangoli (inklużi kwadri), triangoli ekwilaterali jew poligoni konvessi regolari, u li għandhom ħxuna ta' ħitan uniformi. Prodotti b'wiċċ ta' qatgħa rettangolari (inkluż kwadru), triangolari ekwilaterali jew poligonali konvessi regolari, li jistgħu jkollhom il-kantunieri ttundjati matulhom kollu, għandhom ukoll jitqiesu li huma tubi u pajpijiet sakemm l-uċuħ ta' qatgħa ta' ġewwa u ta' barra huma konċentriċi u għandhom l-istess għamla u orjentazzjoni. [...]

- 15 Il-Kapitolu 74 tan-NM jinkludi l-intestatura 7403, li hija strutturata kif ġej:

“7403	Ram raffinat u liġi ta’ ram, mhux maħdumin
[...]	[...]
7403 21 00;	– – Liġi bażi ta’ ram-żingu (ram isfar)
[...]	[...]”

- 16 L-imsemmi kapitolu jinkludi wkoll l-intestatura 7407, li hija strutturata kif ġej:

“7407	Biċċiet ( <i>bars</i> ), vireg u profili tar-ram
7407 10 00;	-Ta’ ram raffinat
	- Ta’ liġi ta’ ram:
7407 21	– – Ta’ liġi bażi ta’ ram-żingu (ram isfar)
7407 21 10;	– – – Biċċiet ( <i>bars</i> ) u vireg
7407 21 90;	– – – Profili
[...]	[...]”

### Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

- 17 F’April 2012, Hydro Energo ddikjarat, fid-dawl tar-rilaxx tagħhom għal ċirkulazzjoni libera, folji ta’ ram isfar rrumblati bis-sħana li hija rabtet mas-subintestatura 7403 21 00 tan-NM, li tirrigwarda l-liġi tar-ram abbażi ta’ ram-żingu (ram isfar) u hija eżentata mid-dazji doganali.
- 18 Wara kontroll doganali, il-VID ikkunsidrat li l-prodott iddikjarat minn Hydro Energo ma kellux jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 7403 21 00, peress li l-intestatura 7403 teskludi l-prodotti rrumblati, iżda taħt is-subintestatura 7407 21 10 tan-NM, li tirrigwarda l-biċċiet u l-vireg tar-ram bbażi ta’ ram-żingu (ram isfar) u li r-rata ta’ dazji doganali tagħhom tammonta għal 4.8 %. Abbażi ta’ din il-konstatazzjoni, il-VID, permezz ta’ deċiżjoni tal-10 ta’ Settembru 2014, imponiet fuq Hydro Energo dazju doganali fir-rigward ta’ dan il-prodott kif ukoll interessi moratorji.
- 19 Adita minn Hydro Energo b’rikors kontra din id-deċiżjoni, l-Administrativā apgabtiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja), permezz ta’ sentenza tat-13 ta’ April 2017, annullat l-imsemmija deċiżjoni.
- 20 Din il-qorti, qabelxejn, ikkunsidrat li l-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma setax jiġi kklassifikat f’waħda mis-subintestaturi tal-intestatura 7407. Fil-fatt, b’teħid inkunsiderazzjoni tal-pori, l-ħofor u x-xquq irregolari osservati fuq il-pjan ta’ qtugħ, dan ma kienx jikkostitwixxi prodott lest u ma kellux taqsima trasversali sħiħa u kostanti fuq it-tul kollu tiegħu, b’tali mod li ma setax jitqies li huwa virga, fis-sens tal-Kapitolu 74 tan-NM.
- 21 Sussegwentement, l-imsemmija qorti enfasizzat li l-metall li bih huwa magħmul il-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien jikkorrispondi, fid-dawl tal-livelli rispettivi tar-ram u taż-żingu, għad-definizzjoni tar-ram raffinat, u mhux għal dik tal-liga ta’ ram (ram isfar).
- 22 Il-VID ippreżentat appell ta’ kassazzjoni kontra din is-sentenza quddiem l-Augstākā tiesa (il-Qorti Suprema, il-Latvja).

- 23 Preliminarjament, il-VID tosserva li l-kwistjoni dwar jekk il-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwiex tar-ram raffinat jew tal-liga ta' ram ma hijiex deċiżiva għall-klassifikazzjoni tiegħu fin-NM, peress li qabel kollox għandu jiġi ddeterminat jekk dan il-prodott huwiex konformi mad-deskrizzjoni tal-intestatura 7403 jew ma' dik tal-intestatura 7407. Huma biss is-subintestaturi tal-istess livell li jistgħu jiġu pparagunati għal dan il-għan.
- 24 Issa, il-VID issostni li l-fatt stess li l-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġie rrumblat bis-sħana jeskludi l-possibbiltà li jiġi kklassifikat f'waħda mis-subintestaturi tal-intestatura 7403 tan-NM.
- 25 Barra minn hekk, skont il-VID, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet l-Administrativā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali), il-fatt li n-nota 1(d) tal-Kapitolu 74 tan-NM tirreferi, fid-definizzjoni li hija tagħti tat-terminu "vireg", għar-reqwizit ta' "li għandhom wiċċ ta' qatgħa solidu uniformi matulhom kollha" ma jfissirx li l-prodott ikkonċernat għandu dejjem ikollu forma ideali, mingħajr imperfezzjonijiet. Barra minn hekk, din id-definizzjoni ma tindikax il-varjanti aċċettabbli li jippermettu li jiġi kkunsidrat li t-taqsimha trasversali ta' prodott hija ta' forma rettangolari.
- 26 Fl-aħħar nett, kemm il-"jets" u l-biċċiet u l-vireg magħmula minn ikkastjar kontinwu huma ta' spiss intiżi għall-istess użi bħall-biċċiet u l-vireg irrumblati, miġbuda u maħruġin. Għaldaqstant, l-użu sussegwenti tal-prodott ma huwiex deċiżiv.
- 27 Min-naħa tagħha, Hydro Energo ssostni li l-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jaqax taħt il-kunċett ta' "vireg" fis-sens tan-NM, minħabba li, minħabba pori, ħofor u xquq sinjifikattivi eżistenti u li huma viżibbli fil-livell ta' qtugħ, ma jistax jitqies li għandu taqsimha trasversali sħiħa u kostanti fuq it-tul kollu tiegħu. Barra minn hekk, l-irrumblar f'forma rettangolari twettaq biss bil-għan li jiġi ffaċilitat it-trasport u l-prodott ma jkunx jista' jintuża għal skop ieħor minbarra t-tidwib. Issa, skont Hydro Energo, li tagħmel riferiment f'dan ir-rigward għat-tieni paragrafu tan-nota 1(d) tal-Kapitolu 74 tan-NM, il-klassifikazzjoni ta' prodott taħt l-intestatura 7403 jew 7407 tan-NM ma tiddependix biss mill-forma u mill-ipproċessar preċedenti, iżda wkoll mill-grad ta' ipproċessar u ta' użu possibbli. Konsegwentement, Hydro Energo tqis li l-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 7403 21 00 tan-NM.
- 28 Skont il-qorti tar-rinviju, għalkemm il-kompożizzjoni kimika tal-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija element ta' fatt li għandha tiġi stabbilita mill-qorti nazzjonali, il-kwistjoni deċiżiva f'dan il-każ hija dik dwar jekk dan il-prodott jistax jitqies bħala "virga", fis-sens tal-Kapitolu 74 tan-NM.
- 29 Issa, għalkemm huwa minnu, kif tosserva l-VID, li ċerti karatteristiċi tal-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkorrispondu għal dawk li għandu jkollha virga, li tippermetti li dan jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 7407 tan-NM, jeżistu dubji raġonevoli dwar jekk dan il-prodott għandux taqsimha trasversali sħiħa u kostanti fuq it-tul kollu tiegħu, kif teħtieġ in-nota 1(d) tal-Kapitolu 74 tan-NM.
- 30 Għalkemm il-fatt li l-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa rrumblat jista', skont in-noti ta' spjega tas-SA, ikun motiv addizzjonali għall-klassifikazzjoni tiegħu taħt l-intestatura 7407 tan-NM, l-imsemmija noti ta' spjega madankollu ma humiex biżżejjed sabiex ineħħu d-dubji dwar jekk dan il-prodott għandux taqsimha trasversali sħiħa u kostanti fuq it-tul kollu tiegħu.
- 31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Augstākā tiesa (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"In-[NM] għandha tiġi interpretata fis-sens li l-intestatura 7407 (vireg u profili tar-ram) tinkludi ingotti tar-ram jew tal-liga tar-ram, ta' għamla rettangolari, li l-ħxuna tagħhom hija ikbar minn wieħed minn għaxra tal-wisa' u li ġew illaminati bis-sħana, iżda li fit-taqsimha trasversali tagħhom fiha pori, ħofor u xquq irregolari?"

## Fuq id-domanda preliminari

- 32 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-intestatura 7407 tan-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tkopri ingotti tar-ram jew liġi tar-ram, ta' forma rettangolari, li l-ħxuna tagħhom hija ikbar minn wieħed minn għaxra tal-wisa' u li ġew irrumblati bis-sħana, iżda li t-taqsimi trasversali tagħhom fiha pori, hofoor u xquq irregolari.
- 33 Qabelxejn, għandu jittfakkar li, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari fil-qasam tal-klassifikazzjoni tariffarja, l-irwol tagħha huwa li tagħti kjarifika lill-qrati nazzjonali dwar il-kriterji li permezz tagħhom dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jikklassifikaw b'mod korrett il-prodotti inkwistjoni fin-NM iktar milli tikklassifikahom hija stess, u dan iktar u iktar peress li hija mhux neċessarjament ikollha għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi indispensabbli kollha f'dan ir-rigward. Peress li l-qrati nazzjonali jidhru, fi kwalunkwe każ, f'pożizzjoni aħjar sabiex jagħmlu dan, huma dawn li għandhom iwettqu l-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fid-dawl tal-elementi pprovduti mill-Qorti tal-Ġustizzja b'risposta għad-domanda li huma jagħmlulha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Mejju 2019, Korado, C-306/18, EU:C:2019:414, punti 33 u 34; tas-16 ta' Mejju 2019, Estron, C-138/18, EU:C:2019:419, punti 67 sa 69, kif ukoll id-digriet tas-27 ta' Frar 2020, Gardinia Home Decor, C-670/19, EU:C:2020:117, punt 35).
- 34 Barra minn hekk, għandu jittfakkar li r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM jipprevedu, minn naħa, li l-klassifikazzjoni tal-merkanzija għandha tiġi ddeterminata skont it-termini tal-intestaturi u tan-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli u, min-naħa l-oħra, li l-formulazzjonijiet tat-titoli tat-taqsimiet, tal-kapitoli jew tas-subkapitoli jitqiesu bħala li għandhom biss valur indikattiv. Minbarra dan, hija ġurisprudenza stabbilita li, fl-interess taċ-ċertezza legali u tal-faċilità tal-kontrolli, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja ta' merkanzija għandu jifitex, b'mod ġenerali, fil-karatteristiċi u l-proprietajiet oġġettivi tagħha, kif iddefiniti mill-formulazzjoni tal-intestatura tan-NM u tan-noti tat-taqsimi jew tal-kapitolu tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Marzu 2016, Customs Support Holland, C-144/15, EU:C:2016:133, punti 26 u 27; tas-16 ta' Mejju 2019, Estron, C-138/18, EU:C:2019:419, punti 50 u 51, kif ukoll tal-5 ta' Settembru 2019, TDK-Lambda Germany, C-559/18, EU:C:2019:667, punt 26).
- 35 Jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, għalkemm il-klassifikazzjoni ma tistax issir biss abbażi tal-karatteristiċi u tal-proprietajiet oġġettivi tal-prodott ikkonċernat, l-użu intenzjonat ta' dan il-prodott jista' jikkostitwixxi kriterju oġġettiv ta' klassifikazzjoni bil-kundizzjoni li dan ikun inerenti għalih, peress li huwa biżżejjed li jittieħed inkunsiderazzjoni l-użu intenzjonat essenzjali tal-imsemmi prodott u li l-inerenza għandha tkun tista' tiġi evalwata skont il-karatteristiċi u l-proprietajiet oġġettivi ta' dan tal-aħħar (digriet tas-27 ta' Frar 2020, Gardinia Home Decor, C-670/19, EU:C:2020:117, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 36 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minkejja l-fatt li ma għandhomx saħħa vinkolanti, in-noti ta' spjega għan-NM u tas-SA jikkostitwixxu strumenti importanti sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tat-tariffa doganali komuni u jipprovdu, bħala tali, elementi validi għall-interpretazzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, tad-19 ta' Ottubru 2017, Lutz, C-556/16, EU:C:2017:777, punt 40; tal-15 ta' Novembru 2018, Baby Dan, C-592/17, EU:C:2018:913, punt 55, u tal-15 ta' Mejju 2019, Korado, C-306/18, EU:C:2019:414, punt 35). F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li n-NM tirriproduċi l-intestaturi u s-subintestaturi b'sitt ċifri tas-SA, filwaqt li huma biss is-seba' u t-tmien ċifri li joħlqu subdiviżjonijiet li huma speċifiċi għaliha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2019, B. S. (Birra magħmula minn xgħir (*malt*)), C-195/18, EU:C:2019:197, punt 10, u tas-16 ta' Mejju 2019, Estron, C-138/18, EU:C:2019:419, punt 44).
- 37 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, b'mod partikolari, dwar jekk l-ingotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxux vireg, fis-sens tal-Kapitolu 74 tan-NM, b'tali mod li jistgħu jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 7407 tan-NM, intitolata "Vireg u profili tar-ram".



- 38 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li n-nota 1(d) tal-Kapitolu 74 tan-NM tipprevedi li l-vireg, fis-sens tal-imsemmi kapitolu, huma, b'mod partikolari, prodotti rrumblati li t-taqsimha trasversali sħiħa u kostanti tagħhom fuq it-tul kollu tagħhom hija fil-forma ta' ċirku, ta' ovali, ta' kwadru, ta' rettangolu, ta' trijangolu ekwilaterali jew ta' poligonu konvessa regolari.
- 39 Issa, kif sostniet il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ir-rekwiżit ta' taqsimha trasversali "kostanti" jirreferi għall-forma u għad-dimensjonijiet trasversali tal-prodott ikkonċernat, b'tali mod li ingotti, ta' forma rettangolari u li d-dimensjonijiet trasversali huma identiċi għall-punti kollha, fuq it-tul kollu tagħhom, jissodisfaw dan ir-rekwiżit.
- 40 Fir-rigward tar-rekwiżit ta' taqsimha trasversali "sħiħa", dan għandu jinftiehem bħala li jeskludi biss il-prodotti vojta. Fil-fatt, min-nota 1(h) tal-Kapitolu 74 tan-NM jirriżulta li prodott vojta li t-taqsimha trasversali tiegħu hija kostanti fuq it-tul kollu tiegħu huwa tubu jew pajp, fis-sens tal-imsemmi kapitolu.
- 41 Għalhekk, f'dan il-każ, għalkemm l-ingotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom, kif irrilevat il-qorti tar-rinviju, pori, ħofor u xquq irregolari, tali imperfezzjonijiet interni ma jagħmlux madankollu lil dawn l-ingotti prodotti vojta, b'tali mod li ma jistax jiġi eskluż li dawn, li ġew irrumblati bis-sħana, jikkostitwixxu vireg, fis-sens tal-Kapitolu 74 tan-NM, u, għaldaqstant, jaqgħu taħt l-intestatura 7407 tan-NM, li tirrigwarda l-"vireg u profili tar-ram".
- 42 Għandu jiġi rrilevat ukoll li n-nota 1(d) tal-Kapitolu 74 tan-NM tipprovdi, fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "virga", fis-sens tal-imsemmi kapitolu, li l-ħxuna tal-prodotti ta' taqsimha trasversali rettangolari għandha tkun ikbar minn wieħed minn għaxra fil-wisa', li huwa l-każ tal-ingotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 43 Barra minn hekk, min-nota ta' spjega tas-SA dwar l-intestatura 7403 jirriżulta li l-prodotti rrumblati huma esklużi mill-imsemmija intestatura u jaqgħu, pereżempju, taħt l-intestaturi 7407 jew 7409 tas-SA, li, kif tindika l-qorti tar-rinviju stess, tikkostitwixxi raġuni addizzjonali għall-klassifikazzjoni eventwali ta' ingotti bħal daww inkwistjoni fil-kawża prinċipali taħt l-intestatura 7407 tan-NM.
- 44 Bl-istess mod, l-interpretazzjoni li ingotti bħal daww inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu jaqgħu taħt l-intestatura 7407 tan-NM hija kkorroborata min-nota ta' spjega tas-SA dwar l-intestatura 7407.
- 45 Fil-fatt, minn naħa, u filwaqt li din in-nota ta' spjega tindika li l-vireg huma ddefiniti min-nota 1(d) tal-Kapitolu 74 tas-SA, huwa paċifiku li l-formulazzjoni ta' din in-nota tal-aħħar hija identika għal dik tan-nota 1(d) tal-Kapitolu 74 tan-NM.
- 46 Min-naħa l-oħra, in-nota ta' spjega dwar l-intestatura 7407 tas-SA tispeċifika li dawn il-prodotti normalment jiġu mmanifatturati, fost tekniki oħra, permezz ta' rrumblar. Minn din tal-aħħar jirriżulta wkoll li l-vireg magħmulin permezz ta' ikkastjar jew tgħaqqid bis-sħana jaqgħu taħt l-intestatura 7403 tas-SA sakemm dawn ma jkunux għaddew wara li l-manifattura tagħhom għal ipproċessar iktar minn tirqim jew tneħħija tas-saff tas-superfiċje, filwaqt li daww li jkun għaddew minn ipproċessar iktar jibqgħu, bħala prinċipju, ikklassifikati taħt l-intestatura 7407 tas-SA, Issa, f'dan il-każ, ingotti bħal daww inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġew irrumblati bis-sħana.
- 47 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li l-intestatura 7407 tan-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li ingotti tar-ram jew liġi tar-ram, ta' forma rettangolari, li l-ħxuna tagħhom hija ikbar minn wieħed minn għaxra tal-wisa' u li ġew irrumblati bis-sħana, iżda li t-taqsimha trasversali tagħhom fiha pori, ħofor u xquq irregolari, jistgħu jaqgħu taħt din l-intestatura.

## Fuq l-ispejjeż

- 48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-intestatura 7407 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, fil-verżjoni tagħha kif tirriżulta bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011 tas-27 ta' Settembru 2011, għandha tiġi interpretata fis-sens li ingotti tar-ram jew liġi tar-ram, ta' forma rettangolari, li l-ħxuna tagħhom hija ikbar minn wieħed minn għaxra tal-wisa' u li ġew irrumblati bis-sħana, iżda li t-taqsimha trasversali tagħhom fiha pori, hofer u xquq irregolari, jistgħu jaqgħu taħt din l-intestatura.**

Firem